**ĦOSS L-INĦAJJES**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: *Ħoss l-inħajjes* huwa l-isem ta’ waħda mit-taħditiet animati fis-sensiela ta’ **Serati Mużikali** li kienet saret nhar il-5 ta’ Ġunju 2003 fis-sala ewlenija tal-Każin Banda San Ġiljan, u li fiha ħadu sehem għadd ta’ allievi mill-banda tal-post u oħrajn. Ippreżenta s-serata Mro. Manoel Pirotta li huwa wkoll Surmast tal-istess Banda.

Kliem muftieħ: Kliem muftieħ: Serati Mużikali, Ram, Serpentun, Tromba Eġizzjana/Rumana, Adolph Sax, Kornu, Tromba, Trumbetta, Kurunetta, Trumbun, Bumbardun, Baxx.

L-istrumenti tal-mużika ilhom jintużaw sa mill-ibgħad żmenijiet. Hekk naraw li l-Lhud u l-Eġizzjani kienu jużawhom sa minn għexieren ta’ mijiet snin qabel Kristu. Dan nafuh mill-ħafna tpenġijiet u tifkiriet oħra fl-Eġittu u f’postijiet oħra fejn kienu jgħammru dawn il-popli. Fihom jidhru nies idoqqu strumenti tan-nifs u korda ta’ dak iż-żmien. Insibu msemmija fil-Bibbja ħafna strumenti bħal kurunetta, tromba, pjatti, arpa u tnabar, iżda dawn l-istrumenti kollha kellhom għamla differenti minn dawk li nafu bihom aħna llum. Hekk ngħidu aħna, it-tromba Eġizzjana ta’ xi 1600 sena q.K. kienet bla valvuli u b’ħoss wieħed, filwaqt li t-tromba Rumana kienet twila u dritta. Fi żmenijiet aktar qrib tagħna insibu trombi akuti bħalma hija l-kurunetta, u baxxi jew kontralti soprani, jew tenuri bħat-trumbuni, jew trombi kbar. Magħhom wieħed irid isemmi wkoll is-serpentun, strument milwi qisu serp li dari kien jindaqq fil-baned. Hemm ukoll il-familja tas-saks-kornu imsemmi f’ġieħ l-inventur tiegħu Adolph Sax (1814-1894). Illum għandna s-saks sopran, kontralt, tenur, u baxx, u kuntrabaxx. Mis-sakx-tromba u s-saks-kornu ħareġ imbagħad il-baxx, b’dak il-leħen tiegħu ħlejju u mimli tal-kornu u l-leħen grandjuż tat-trumbun.


Serpentun


Tromba Eġizzjana



Tromba Rumana


Adolph Sax

L-inħajjes, jew kif inhuma aktar magħrufin, strumenti tar-ram, kollha għandhom xi forma ta’ xi tubu u jispiċċaw b’qanpiena żgħira, imdaqqsa, jew kbira. L-inħajjes ikunu mdaqqin minn bokkin tar-ram li jeħel mat-tarf ta’ fuq ta’ l-istrument. Dan ikun aktarx fit-tond u b’toqba fin-nofs minfejn jkun jista’ jgħaddi n-nifs. Aktar kemm id-daqqâq jerħi xofftejh, aktar ser joħroġ noti baxxi. Għal kuntrarju, aktar kemm iross xofftejh mal-bokkin, aktar jikseb noti akuti, jiġifieri għoljin.

Il-**KORNU**, li għandu ħoss mill-aktar nobbli, artab, u l-aktar artistiku fost ir-ram kollu, huwa magħmul minn tubu tar-ram twil daqs 12-il pied! Dan iżda jagħmel tnejn jew tliet dawriet tondi fuqu nnifsu bħal f’qoxra ta’ bebbuxu ħalli jkun jista’ jinġarr mingħajr tbatija. Fit-tarf ta’ fuq jidħol il-bokkin f’forma ta’ lembut żgħir, filwaqt li fin-naħa t’isfel tiegħu jispiċċa f’qanpiena daqsiex tant li fiha tista’ tidħol il-pala tal-id ix-xellugija biex twieżen l-istrument. Il-kornu jaħdem b’sistema ta’ valvuli li jtawlu jew iqassru t-tul tat-tubu.

Kornu


Valvuli


It-**TROMBA**, li f'idejn kompożitur tajjeb u f'idejn daqqâq tajjeb tiġi dinjituża, sollenni u maestuża, hija magħmula minn tubu tar-ram xi 5 piedi tul, twil u dritt jew milwi fuqu nnifsu u dejjem jiftaħ fil-wisa'. F'tarf minnhom jidħol il-bokkin u fl-ieħor huwa ġej f'forma ta' qanpiena żgħira. It-tromba titħaddem b'sistema ta' tliet valvuli li jtawlu w iqassru t-tul tat-tubu. Dan ifisser li t-tromba tista' ddoqq melodiji sħaħ saħansitra kromatiċi fejn qabel lanqas biss kienet toħlom bihom! Mat-tarf tal-qanpiena ġieli titwaħħal wkoll sordina biex jinbidel l-ħoss.



Tromba

Hawn ta' min isemmi li fost il-ħafna ġugarelli tat-tfal insibu wkoll t-**TRUMBETTA**, diminuttiv ta' tromba. Din tista' tkun bħal buq ċkejken, jew bjugil, b'dak il-ħoss ċar u penetranti li tindaqq bis-saħħa tan-nifs. Dan l-istrument jintuża l-aktar min-nies ta' l-uniformi biex jagħtu xi salut. U l-istess jista' jingħad għall-**KURUNETTA**, diminuttiv ta' kornu. Hija tindaqq l-aktar bħala sejħa militari. L-għamla tagħha hija bħal dik tal-kornu, imma ta' daqs iżgħar, u b'noti ta' sopran.

It-**TRUMBUN**, jew tromba kbira, huwa strument ieħor tar-ram ta' għamla tawwalija, u żjieda mportanti għat-taqsima tar-ram għax jżid aktar forza u lewn f'idejn daqqâq tajjeb fejn l-effetti kollha mixtieqa jistgħu jinkisbu mill-*pianissimo* sal-*fortissimo*. Dan il-buq għandu tromba forma ta' qanpiena kbira fin-naħa ta' isfel, u bokkin imdaqqas li jeħel fin-naħa ta' fuq. It-trumbun jista' jindaqq jew bil-valvuli jonkella bis-*slide*, għalkemm il-ħoss ta' dan ta' l-aħħar huwa preferit. Permezz tas-*slide*, it-trumbun ikun jista' joħroġ il-gamma kromatika kollha. Dan isir ukoll bil-għajnuna tax-xofftejn.



Trumbun

Il-**BUMBARDUN**, superlattiv ta' bumbarda, jew kanun kbir ta' dari, huwa n-nannu tar-ram. Dan is-serpentun kbir jieħu l-istess pożizzjoni tal-kuntrabaxx li jagħmel mat-taqsima tal-korda. Il-ħoss ta' dan l-istrument huwa x'aktarx tqil u huwa ta' għajnuna kbira għal parti baxxa tar-ram. Il-mużikant li jdoqqu spiss tarah igħodd il-*battuti d'aspetto*! Huwa jindaqq bin-nifs minn bokkin u bl-għefis ta' minn erba' sa ħames valvuli. Hawn Malta, madankollu ma tantx għadna naraw bumbarduni, ħlief meta tiġi xi banda militari barranija. Għaldaqstant, il-**BAXX** jibqa' l-akbar wieħed fost l-inħajjes kollha. Il-baxx għandu ismu miegħu, mhux għax ħamallu jew pastaż, imma għax leħnu huwa sempliċiment oħxon! U minħabba t-toqol tiegħu, huwa ġieli jintrabat b'ċinga li tintlibes madwar l-għonq u jinżamm b'tali mod li l-qanpiena tiġi tipponta 'l fuq.



Baxx

F'xi pajjiżi hemm ukoll dik li tissejjaħ *Brass Band*. Din tkun magħmula minn mużikanti li jdoqqu l-inħajjes, jew strumenti tar-ram biss. F'Malta wkoll għandna s-*Siġġiewi Festival Brass Band and Social Club*. Il-mużika għall-*Brass Band* hi rranġata speċjali u adattat b'ċerta sengħa li permezz ta' xi tibdil li jsir fir-riduzzjoni tiġi ffaċilitata l-esekuzzjoni, iżda b'danakollu l-anqas tista' tindaqq ċerta mużika diffiċli għax l-istrumenti tar-ram għandhom diffikultajiet kbar biex idoqqu ċerti passaġġi li fuq l-iwtar, jew kif magħrufin aħjar, strumenti tal-korda, huma faċilissimi. Riduzzjonijiet insibu bil-kwantità mitbugħin, u dan b'mod speċjali meta jinqalbu mill-orkestra għall-banda li din ta' l-aħħar ma tista' qatt tirrendi ċerti effetti li huma essenzjalment orkestrali.

**Glossarju**

Akkademja tal-Mużika: twaqqfet uffiċjalment fi ħdan il-Każin Banda San Ġiljan fil-Ħarifa tas-sena 2001 bil-għan li tkompli xxerred il-kultura mużikali.

Nħasa: metall li jinsab taħt l-art ta' lewn ħamrani aktarx ċar li jista' jinħadem u jieħu lewn isfar sabiħ, li jsiru minnu bosta xorta bħal kwies (tal-kċina u mhumiex), għax ma jissaddadx.

Buq: kull ħaġa aktarx tawwalija, ġejja fit-tond jew kważi u fiergħa, vojta, minn ġewwa ġen. minn tarf għal tarf; trumbetta (ukoll bħala strument tad-daqq); qarn kbir u twil, vojt minn ġewwa, bħal dawk li jdoqqu minnhom fil-muntanji svizzeri.

Valvula: dik il-biċċa li tkun imwaħħla ma' pajp/tubu li tikkontrolla l-mogħdija tad-dħul u l-ħruġ f'dal-każ tal-arja fi strument tar-ram.

Kromatiku: kulma juri l-varjetà tal-ilwien jew għandu x'jaqsam mal-ilwien.